# IN-NAHLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

*Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.*

Giebha żeüġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.

IL POETA LATIN ORAZJU.

32. | 10 TA' APRIL 1909. | L-EUUEL SENA


## FTEHIM.

In-"Naħla" toħroġ cull nhar ta' Sibt, f'il għaxija.

Il ħlas tagħha hu:— għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena; għal ta' barra m'il Belt, sitt xelini f'is-sena; u għal ta' barra minn Malta, seba xelini f'is-sena. Dan il ħlas isir b'il kuddiem, u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur ucoll.

Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara.

L-ebda 'rcevuta ma tgħodd jecc ma tcunx iffirmata b-ismi. Min iħallas ta' sena b'il kuddiem ingiblu f'il ġurnal tnax l-avvis żgħar b-xejn; min iħallas ta' sitt xhur, b'il kuddiem, ingiblu erbgħa biss ma tul is-sena; u min iħallas ta' tliet xhur b'il kuddiem, ŭieħed biss.

Min icun irid icompli jgib l-avviż żgħejr jeŭ acbar iħallas scond ma niftiehmu.

Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa, u jiena nŭieġbu.

In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll.

Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natiħ tiegħu, għal sena, b-xejn.

Hadd ma jista jieħu premju ta' logħob jecc ma jcunx imsieħeb u jcun ħallas l-abbonament. Il manoscritti ma 'nreġġħuhomx lura.

L-ittri għandhom jinbagħtu collha T'as-Sliema, 12, Strada S. Vincenzo, fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avvisi ecc.

★

DAŬC COLLHA LI JSIBU SOĊJU ĠDID GĦAL SENA GĦA'N-"NAĦLA" JIEĦDU CTIEB TA'L 'MAĦBUB TA' GESŬ" B'XEJN.

LIL MIN JISSIEĦEB ĠDID ISSA, BILLI BAKA FTIT COPJI ŻEJDA, NATIĦ IN-NUMRI TA'L-EŬŬEL SITT XHUR B'XEJN

BEJN MIN ĦALLAS JEŬ IĦALLAS, MINN JEDDU, IT-TIENI SITT XHUR, SA L-AĦĦAR TA' APRIL, JINTREFGĦU PREMJI COTBA SBIĦ.

MIN IRID JIXTRI "IN-NAĦLA" JEŬ JIXTRI "IL MAĦBUB TA' GESŬ"; JEŬ IRID IĦALLAS L-ABBONAMENT IMUR GĦAND IL FOTOGRAFU VELLA, TA' ĦDEJN COLOMBOS TA' STRADA RJALI TA' BELT, JEŬ ISIB LILI F'IL GĦODU F'IL KORTI T'ISFEL TA'L BELT.

A. LEVANZIN B.A. C.F. P.L. Direttur-Proprietariu.



## MARTRI MALTIN.

Chienu is-sebgħa t'April meta, xi ħmistax il sena ilu, mort b'kalbi magħsura sa Birchircara biex f'il Cnisja il Kadima ta' hemm nara għal l-eŭŭel darba il kabar ta' Mannarinu, il cbir patriott malti li tant ħadem u bata għal dina il gżira bla kalb ma' cull min għamlilha il gid u bata għaliha. Dic il ħabta cont abbati, u għalhecc chelli bħal ma għad għandi kima cbira lejn Dun Ghejtan billi l-imħabba t'Alla u ta'l pajjis fejn titŭieled chienu dejjem għalija bħal fehma ŭaħda.

Għadni niftacar chif bkajt mibluħ fija in-nifsi meta rajt kabar bla ebda chitba ta' xejn, u meta ir-ragel li fetaħli gegħilni narfa għajnejja lejn il ħajt fejn rajt mictub b'koxra ta' rummiena l-isem ta' Dun Ghejtan Mannarinu, ta' dac il bniedem kalbieni li katta tant snin minn ħajtu go ħabs l-actar aħrax biex jakbeż għal pajjisu. U niftacar li kabiżli id-dmugħ minn għajnejja meta dac ir-ragel kalli li għadmu ma chienx jinsab iżjed f'dac il kabar iżda chienu neħħeŭh u tefgħuh f'il fossa, gozz ma'l għadam l-ieħor!

Ŭara li inxtħett għarcoptejja u minn kiegħ kalbi, bi ħrara cbira, tlabt għal ruħu, ħrigt niexef fija in-nifsi chif jista katt icun li il Maltin iħallu bla ebda turija ta' gieħ lil dac li tant ħadem u bata għalihom. Cont għadni żagħżuħ ħafna u ma contx għadni naf x'tati id-dinja b'iż-żejjed u l-actar

x'isarrfu xi Maltin. U għadni niftacar li ctibt sonett b'it-taljan li cont iddedicajtu lil l-Auucat Natu Mizzi u li deher f'il "Gazzetta di Malta" u li fih tlabt lil Maltin li jagħmlu xi turija ta' kima fuk kabar Mannarino, li jonkxu ismu fuk irħama....iżda cont sħakt fl-ilma.

Bosta drabi oħra ctibt fuk dina il ħaġa f'il "Patriota" meta chien taħt idejn Savona u f'bosta ġurnali oħra iżda.... chien duħħan bla xiūa.

Issa li l-istess ġurnata reġġhet faccritni seūūa fih, u jiena ma nista ninsieh katt għaliex għandi l-istatūa tiegħu fl-officċju tiegħi, ħdejja, irrid narġa indokk fuk l-istess corda u l-actar d'il ħabta li ħafna nies, u jiena fosthom, taū flus u tħabtu biex issir cappella lil Dun Urso, kassis ieħor ta' kalb ħanina u li għamel ħafna gid; iżda li ma ġarrabx għal Malta dac li ġarrab Dun Ghejtan Mannarinu. Biex sejjer isir dana il monument malajr inġabar Cumitat li ħadu sehem fih ħafna m'il aħjar nies ta'l pajjis; u malajr inġabru ħafna liri u saħansitra l-Iskof stess fetah idejh biex igħin palata.

Narġa intenni li din hi ħaġa sabiħa; li jien stess, b'il kalb, ħriġt xi ħaġa żgħira u għint chelmtejn; iżda jidhirli li għandna nimxu dejjem u f'collox b'il ħakk u jecc lil min għamel għalina ftit sejjrin nagħmlulu monument li jkum mitejn lira, lil min għamel ħafna hemm bżonn li nagħmlulu xi ħaġa żgħira ucoll, imkar statūa x'imchien fejn tidher, li tkum ftit liri, basta li tfaccarna li chellna sacerdoti ta' kalb cbira u tajba u li ħadmu u bateū għal pajjishom.

U minn kuddiem għajnejja jgħaddi Dun Michiel Xerri, il għaref Professur ta'l Università li ħalla ħajtu, bħala martri, f'nofs il Pjazza ta'l Belt, iffucilat għal pajjisu.

Fl-istejjer ta' ġnus oħra tismagħhom ifaħħru sa l-ogħla smeūūiet il meūt kalbiena li għamlu Ġacchinu Murat, l-Imperatur Massimiljanu ta'l Messicu, l-aħūa Bandiera, Pietro Micca u tant oħrajn u għandhom raġun għaliex daūna in-nies kalbiena taū ħajjithom b'il ferħa għal pajjishom u ūreū curaġġ ta'l għageb ūakt meūthom.

Iżda inthom katt smajtu f'Malta min ifaħħar lil Dun Michiel Xerri u lil sħabu li mietu għal art tūielidhom u b'ħila lima bħalha li għaġġbett sa l-istess suldati francisi li iffucilaūhom?

Chemm haūn nies f'Malta li jafu min chien Dun Michiel Xerri u x'għamel u chif miet għal art tūielidu?

Ūisk actar jafu b'Matteū Callus, it-tabib kalbieni li ħalla ħajtu imdendel f'forca f'nofs is-Suk ta'l Birgu.

Iżda fejn hu għadamhom, fejn huma l-okbra tagħhom? Ma nafux jeū actarx ma għandhomx. Matteū Callus actarx chien midfun f'iċ-cimiterju ta'l Cnisja ta' San Laūrenz li chien hemm f'loc fejn hemm illum l-Oratorju ta'l Curcifiss. Jecc hu hecc meta imbena daç l-Oratorju inkala il għadam collu u min jaf fejn intafa. Biss il cbir Callus baka bla kabar u bla ebda tifchira biex tgħallimna li dac il patriotta ħalla ħajtu għal pajjisu imgħallak bla sentenza m'il chiefer La Vallette li sar iħobbna xi ftit biss meta ra chemm nisūeū u li b'ħilitna salvajnilu l-Ordni m'il killa ta'n-Nofs Kamar.

Issa billi naf li il Birgu għad hemm bosta li għadhom iħobbu ħafna lil pajjishom nitma li jitkanklu xi nofs tużżana biex jiġbru somma żgħira ħalli f'is-Suk, imkar ma'l ħajt ta'l Arloġġ, issir irħama li tfaccar li f'dic il Pjazza miet martri ta'l patrija, il kalbieni tabib Matteū Callus.

In-nies ta'l Birgu isimhom hu mictub b'ittri ta'd-deheb fl-Istorja u għalhecc jistgħu jżommu u jħossu dac li kiegħed ingħid u għalhecc dac li kiegħed nitlob sgur jagħmluh u ma du mux. U jalla jcun hecc.

U fejn huma midfunin Dun Michiel Xerri u sħabu? Lankas biss nafu. F'il carnierja ta' S. Elmu hemm xi irjus, imtakkba m'il balal, li jgħidu li huma ta'l patrijiet ta' San Duminicu li geū iffucilati ma' Dun Michiel. Jista jcun li gisem Dun Michiel u l-iġsma ta'l oħrajn geū m'il Francisi midfuna f'dic il carnierja. Iżda dac li hu sgur tasseū hi il għarucaża tagħna li m'hux biss ma ūakkafna l-ebda irħama fuk l-okbra ta' daūna il martri tagħna, iżda lankas biss ma nafu seūūa fejn huma l-okbra tagħhom u li b'giufija ta' kalb l-actar cbira ħallejna għadamhom jixxerred u jitħallat f'il fossa bla ma żammejnieh bħala tifchira għażiża.

U li chiecu il Cavalieri ma ħasbux għal rashom u ġabru f'iċ-cimiterju ta' San Gūann u f'dac ta' Sant Anġlu il għadam ta' daūc collha li mietu kalbiena fl-Assedju il Cbir, chiecu actarx il għadam ta' daūc ucoll chien imur jixxerred min jaf fejn bħal dac ta'l martri l-oħra.

Għarucaża! iva u cbira chif intefa fi klubna cull nar ta' mħabba lejn pajjisna u lejn daūc li ċarċru demmhom għal fidūa tagħna.

Tkankalna ftit meta bdeū isiru il festi nazzjonali iżda dac in-nar bati li xegħel għal ftit snin raġa tgħatta bi rmied jecc ma intefiex għal collox.

Hemm bżonn li nakilgħu il cotba glorjusi ta'l Istorja tagħna minn kalb il għankbud u il camla ta'l ixcafef fejn għadhom minsija u ingħallmu lil poplu l-istorja glorjusa tiegħu għa'x dac il poplu li ma jafx tajjeb l-istorja tiegħu ma jista katt icun cbir, ma jista jaħdem katt b'il kalb għal art tūielidu.

U bħal ma għandna kima cbira lejn il kaddisin u lejn il cnejjes (u dina hi ħaġa ta' minn ifaħħarha) hemm bżonn li innisslu ftit kima ucoll għal martri ta'l patrija u l-actar billi il martri tagħna jistgħu jissejħu ucoll il martri ta't-tūemmin nisrani billi ċarċru demmhom contra l-egħdeūūa tiegħu.

Bħal ma nonfku ħafna flus f'il festi nonfku xi ħaġa żgħira biex inūakkfu x'erba statūi għal daūc li tant ħadmu u bateū għalina u li għal gid tagħna taū l-actar ħaġa għażiża li chellhom—ħajjithom.

Jalla mela in-nies ta' Birchircara jatu l-eūūel esempju billi jūakkfu statūa fejn il vapur-ta'l-art lil Mannarinu, f'pajjisu u ftit bogħod minn fejn chien midfun, ħalli cull min jgħaddi b'il ferrovija jiftacar li dic l-art tat bniedem kalbieni li ħadem u bata il ħabs għal pajjisu.

Daūna huma glorji ta'l Cleru Malti, ta' dac il cleru li m'hux biss jakdi dmiru m'Alla iżda li dejjem chien fl-eūūel fruntiera f'it-takbidiet ta'l patrija; u għalhecc il cleru għandu jaħdem biex jitūakkfu żeuġ statūi ūaħda lil Mannarinu u oħra lil Dun Michiel Xerri biex juru li l-imħabba lejn art tūielidna tħaġġeġ dejjem fi klub is-sacerdoti tagħna bħal ma ħaġġet f'iż-żmienijiet l-imgħoddija. Jalla cliemi ma jittajjarx ma'r-rieħ bħal drabijiet oħra iżda jcun żerrigħa li tnibbet fi klub cullħadd l-imħabba imkaddsa lejn dina il għażiża art li fiha tūielidna. Jalla!

---

It-tifsir ta'l-logħob ta'l ġimgħa l-oħra chif ucoll l-ismijiet ta' daūc li ħadu il premji talli minn jeddhom ħallsu l-abbonament ta'l aħħar sitt xhur ingibhom f'numru ieħor. Ftacru li min iħallas l-isstes ma tul April jista jieħu xi premju ucoll.

## FRAC.

Nhar il Għejd, ŭara nofs-inhar, fl-Istitut Salesjan sejra is sir. festa sabiħa u sejra iddokk l-imfaħħra Banda "La Vallette" biex icomplu jinġabru il flus ħalli tinbena cappella fl-istess Istitut li semmejna.

Krajt bi pjacir cbir li għal dina il cappella ġa inġabru ma'l mija u sittin lira, u biex issir ma hemmx bżonn ħlief ta' mitejn. Jalla dina il festa tcun b'iż-żejjed biex jiġbru il bkija. Icun hemm ħafna logħob sabiħ ucoll.

★

Billi it-Tabib Carlu Manchè mar Napli biex jieħu seħem f'il Congress Internazzjonali ta'l Oftalmologija, l-Istitut ta'l Ħamrun ma jiftaħx, sa chemm jarġa jiġi, ħlief it-Tnejn, il Ħamis u is-Sibt.

★

Is-Segretarju kiegħed ifarfar rixu iż-żejjed bħal ma is-Sur Cicc Azzopardi kiegħed f'il Cunsill gŭejjed iż-żejjed. Li chien hemm f'locu is-Sur Savona is-Segretarju ma chienx iżeblaħ lil Cunsiljieri chif kiegħed jagħmel. Hemm bżonn li is-Sur Cicc jagħmel meeting ħalli jfihem lil poplu dac li kiegħed isir f'il Cunsill u m'hux isejjaħ lil poplu meta jcollu bżonnu għal elezzjoni biss.

★

Nhar il Ħadd f'San Gŭann iżżanżnet il Kuddiesa il ġdida ta's-Surmast Vassallo għal festa ta'l Madonna ta' Pompej u intgħoġbot ŭisk.

★

Il *Graphic* ta' Londra kal li il Festa ta San Paŭl ta'l Belt issir biex ixxeŭŭex il Maltin contra l-Ingliżi.

Dina ħoxna ta'sseŭ u b'il fors chitibha xi ŭieħed f'is-sacra li ma chienx jaf x'inhu ħiereġ m'il pinna; jeŭ xi ŭieħed minn daŭc in-nies bla gieħ li jaraŭ x'jakilgħu dejjem biex jiżbgħuna bl-isŭed ma'l Ingħilterra. Iżda taf x'hemm tajjeb li l-irjus cbar ta' Londra jafu li aħna dejjem conna fidili lejn l-Ingliżi u ma humiex sejrin jimleŭ rashom b'il bżieżak ta' xi sacranazz.

★

Xi barclori da'l ġranet għamlu xi ħsara f'il laneċ ta'l Port il Cbir, billi daŭna kerdulhom ħobżhom. Iżda b'hecc jieħdu raġun?

★

Da'l ġranet ta'l-laħam għamlu xjopru u bata il poplu billi baka bla laħam. Jiena jidhirli li għandhom raġun. Is-Sanità ma tridhomx ibigħu il laħam b'il ħabb u meta is-sibilhom barri b'il ħabb m'hux biss tarmilhom fejn icun il ħabb iżda il barri collu b'telfa cbira ta' flus. Issa l-aħjar nies li jifmhu jgħidulna li il laħam ta'l ħabb meta jitgħalla ma jista jagħmel l-ebda ħsara; u il laħam min jieclu nej? Mela bħal ma tħalli lil ta'l ħŭienet li jbigħu dac il kżież li jsejħulu "imbit artificiali" basta jcollu mictub fuku u li jagħmel tant deni f'is-saħħa, għala ma tħallix jinbih ucoll il-laħam b'il ħabb basta ŭieħed icun jaf biex igħallieh tajjeb kabel jieclu? Jeŭ għandu iŭieżinhom f'it-telfa biex il poplu ma jbatix f'il għoli ta'l prezz, għaliex dac li kiegħdin jitilfu huma kiegħdin inbatuh aħna. Il Gvern għamel seŭŭa m'il banda l-oħra li kiegħed joktol u jbiħ hu biex min hu marid jeŭ min irid jiecol il laħam ma jħallasx il ħtija hu. Nitma li din il biċċa ma jddumx ma tisseŭŭa għal gid ta' cullħadd.

## AĦBARIJIET TA' BARRA.

**Il vapur norvegis Mascotte** ħabat ma ieħor tedesc "Margreta." Dana għerek bl-equipaġġ b'collox u ma salvaŭx ħlief sitta minn nies. L-ieħor ġratlu ħsara cbira iżda ŭasal Rotterdam.

**Il Ministru Lloyd Georges** għamel libell lil ġurnal "The People" talli infamah. Dana għaddeb ruħu, talab scuża, u ħallas tmien mitt lira lil ministru li tahom carità.

**F'il Kansas**, fl-America, sejra jssir taxxa fuk daŭc iż-żgħażaħ li ma jridux jiżżeŭġu. Min kiegħed ikankal dina il biċċa hu certu Reever li s'issa iżżeŭŭeġ erbatax il mara!

**L-imfaħħar ġurnalista ingliż Stead** kal illi jecc l-Inghilterra ma tibnix tmien "Dreadnoughts" fi ftit snin oħra il Germanja tcun tista b'il baħar tħabbatha magħha.

**Fl-Inghilterra** ħarġu regolamenti ħorox ħafna contra it-tipjip ta't-tfal, u għamlu seŭŭa għaliex dana il vizzju ma jgibx ħlief ħsara f'is-saħħa. Għarucaża! f'pajjisna ucoll ma tarax ħlief tfal b'is-sigarrett f'ħalkhom; u xi dakkiet nistħi ingħid tara lil missierijiethom jieħdu gost bihom!

**Il vizżju icreħ ta'x-xorb** m'hux biss igħarrak is-saħħa għaliex igib ħafna mardijiet u l-actar f'il fŭied, u jibgħat ħafna nies il ħabs billi min ma jcunx f'sensieh ma jcunx jaf u la x'inhu jagħmel u lankas x'inhu jgħid, iżda ucoll jixxotta il but. Tafu xejn li fl-Inghilterra jintefku ma l-erba liri cull ras f'is-sena xorb? igifleri li minn cull familja joħorġu ma'l għoxrin lira għal misħut xorb! Tagħmel bihom l-isbaħ vjaġġ! U tafu xejn li jinxtorbu ma'ż-żeŭġ galluni spirtu pur cull ras!

F'Malta ucoll dana il vizzju icreħ ta'x-xorb beda jsaltan ġmielu u hemm bżonn li ŭieħed jara chif jagħmel u jekirdu m'il actar fis li jista.

**F'Auch** cnisja li chienet loġġa ta'l masuni giet icconsagrata bħala cnisja nisranija m'l Arciskof Mons: Richard u iddedicaha lil "Kalb Imkaddsa ta' Gesù." Chien hemm folla cbira ta' nies u saret festa sabiħa ŭisk. Dana juri b'iċ-ċar li f'kalb il Francisi it-tŭemmin għadu ma mietx għal collox.

**Il Methodist Recorder**, ġurnal protestant, faħħar ħafna l-is-sacerdoti tagħna billi kal li huma imgħallmin tajjeb ŭisk u li meta jilħku jcunu imdaħħlin seŭŭa fl-iscola u f'il għakal u m'hux bħal kassisin tagħhom.

**Il belt ta' Kischineff** tinsab maktuha minn cullimchien u in-nies kiegħdin ibatu il ġuħ billi faru xi xmajjar u il belt kiegħda f'nofs ta' baħar.

**F'il Portugall** għamlu rŭiefen kliel ŭisk u burraxc ta' baħar li bażża lil cullħadd. Inħass xi tgħeżżiż ta' terremot ucoll.

**F'Tolun**, fi Franza għamel ucoll uragan kaŭŭi li għarrak ħafna djar fuk ix-xtajta.

**Sir Geraldu Strickland**, li chien Segretarju ta'l Gvern f'Malta u li dan l-aħħar chien Gvernatur ta't-Tasmanja, laħak Gvernatur ta'l Aŭstralia ta'l Punent.

Bħala malti nifirħulu b'il kalb.

ruħec ħabbat l-isfar ta'l bajd b'iż-zoccor (li hu sustanzjus ħafna ucoll) u żid miegħu ħalib chemm chemm imgħolli; ma collox ftit cicculata tajba bla brandi jeŭ spiriti xejn u tcun tasseŭ kiegħed tirfed saħħtec chif imiss.

**Lil C. B.** (Il Belt).

Għedtli li jmissni culltant ingħallimcom chif issajjru xi ħaġa tajba u li tixtiek taf chif tagħmel pudina tajba. Għandec raġun is-sajran hu sengħa sabiħa u jixrak li m'hux il cochi biss icunu jafu jsajru tajjeb iżda in-nisa collha ucoll ħalli cull tant l'ir-ragel itajjrulu in-nervi b'xi platt tajjeb li jresskulu taħt imnifsejh.

Nieħdu mela il pudina li xtakt titgħallem tagħmel u l-aħjar infehmec chif tagħmel il "Christmas Pudding" li tant iħobbu l-Ingliżi, u naraŭ x'jidħol fiha: 1. Tkiek, 2. Bajd, 3. Ħalib, 4. Xaħam ta'ċ-ċanga, 5. Frac ta'l ħobż, 6. Cannella, 8. Ginger, 9. Nucimoscata, 10. Zoccor, 11. Żbib, 12. Passulina, 13. Kxur ta'l arinġ, ta'l lumi u ta't-tronġ u jecc trid ftit cunfettura. Hemm min jaħdimha b'il butir imdeŭŭeb u hemm ucoll min iżid xi ftit brandi tajba. Hu l-isfra ta'l bajd ħabbathom tajjeb u żid b'il mod il mod it-tkiek u il frac ta'l ħobż li tcun ħakkejt b'imħacca tajjeb, sa chemm jinħadem collox seŭŭa. Naddaf iż-żbib m'iz-żerrigħa u laħalħu; ħallat ucoll il passulina ŭara li tcun laħlaħtha tajjeb; żid ix-xaħam imkatta bċejjeċ irkak irkak u ħaŭŭad dejjem collox flimchien; żid il kxur ta'l aring, u ta'l lumi u il cunfettura; ħallat iz-zoccor, il melħ u in-nucimoscata; orbot collox ġo sarvetta u dendilha ġo'l misħun ta'l borma u ħalliha tagħli għal sitt siegħat sħaħ. Il butir jinħadem meta iżżid it-tkiek u jecc iddeŭbu jcun aħjar. Okgħod attent li torbot collox tajjeb f'is-sarvetta li ma jmurlecx collox ma' l-ilma. Jecc tagħmel il brandi aħdmu meta tħabbat it-tkiek ma'l bajd. Kejs li taħdem collox bl-imgħarfa seŭŭa ħalli it-taħlita issir chif imiss; u taraŭ x'tieclu. Pudina bħal din trid ħafna xogħol u ħafna flus ucoll iżda fiha rigal tasseŭ u darba f'sena jista jagħmilha cullħadd,

Għal min jaf bl-ingliż natu dina ir-ricetta meħudha m'il "Family Economist."

"Would you make a good pudding, pray mind what you're taught,
Take two pen'orth of eggs when they are twelve to the groat,
Six ounces of bread (let mill eat the crust).
The crumb must be grated as fine as the dust;
Six ounces of flour you may add if you please;
Stir it smooth as a paste with the eggs by degrees;
Six ounces of plums, from the stone you may sort.
Lest they break all your teeth and spoil all your sport;
Six ounces of currants—be sure wash them clean,
And six ounces of suet shred fine and stir in;
Some lemon and citron peel, and, if you choose,
Some people prefer it but others refuse,
Six ounces of sugar won't make it too sweet;
And some salt aud some nutmeg the whole will complete.
Let it boil for six hours without any flutter,
Nor is it quite finished without melted butter."

U jecc xi ħadd meta jlestiha jrid jurini chemm hu bravu, merħba bih.

**Lil G. M.** (Ħal Axak).

Sa fejn naf jien il Cnisja tammetti il piena ta'l meŭt; Cristu stess kal lil San Pietru meta kata ŭidnet Malcu: "li min jati b'ix-xabla, jmut biha." Chiecu ma chienx hecc ingħid jien is-sacerdoti u il fratellanzi ma chienux jieħdu sehem sa chemm igħallku il ħati. Iżda billi dina hi ħaġa li jifhmu fiha il kassisin jiena bgħatt il mistoksija tiegħec lil ŭieħed kassis għaref ħafna u malli jibgħatli ir-risposta nistampahielec.

**Lil P.P.C.** (Bormla.)

Dac il vizzju li għandec li tpejjep il ġurnata collha fittex aktgħu għaliex jagħmillec ħafna ħsara f'saħħtec billi it-tabacc fih velenu imsejjaħ "nicotina" li b'il ftit il ftit jagħmillec ħafna ħsara u l-actar f'moħħoc.

Ibda biex tnakkas b'il mod il mod in-numru: u żomm is-sigaru jeŭ sigarrett bla mixgħul bejn xuftejc u ara għandicx ħila tirnexxi. Jecc le jidhirli li l-aħjar rimedju hu l-ipnotismu. Jiena nista ingħidlec lil min tkabbad biex jipnotizzac bla biża u periclu ta' xejn, u chif tcun rieked jordnalec li ma għandecx tpejjep iżjed; u allura m'hux biss li ma tpejjipx iżda meta ixxomm min ipejjep tillarga.

Bl-istess mod ŭieħed jista jiccura il vizzju mishut ta'x-xorb. Meta trakkdu bl-ipnotismu u tŭiddbu li ma għandux jixrob iżjed m'hux talli ma jixrobx iżda jecc tisforzah jirrigetta.

Ħafna vizzji oħra u l-actar f'iż-żgħażaħ jistgħu jiccuraŭ ruħhom bl-ipnotismu li illum kiegħdin jużaŭh għal cura l-aħjar tobba ta'd-dinja.

# Il Malti għal Maltin.

Ħafna huma il maltin li m'hux biss ma jafux jictbu iżda ankas ma jifhmu il cliem collu ta'l-ilsien sabiħ tagħhom u għalhecc irrid nibda ingib ftit ftit xi cliem malti li ma jafx x'ifisser cullħadd b'it-tifsir tiegħu u nitma li ħafna jcunu daŭc li jieħdu pjacir.

Tafu xejn mnejn hi gejja l-ittra A? Minn ras ta' għendus li il Fenici chienu ikiegħdu f'il bidu ta'l alfabett tagħhom u għalhecc is-sejħet *alef* għaliex dina il chelma bl-ilsna xemin tfisser "għendus."

B'il malti għandna ingħidu: "abra" u "arinġa" u m'hux "la bra" u "larinġa". L-elle hu l-articolu. Mela icteb l-abra, l-abar.

**Agar** hu il ħlas li tiftiħem li għandec tati lil min jaħdimlec b'il ġurnata. "Ma nistax ingħix seŭŭa b'dan l-agar li kiegħed tatini" illum ingħidu salarju, paga iżda il chelma b'il malti hi "agar".

**Agir**—hu dac li ma jaħdemx bl'imkietgħa iżda b'il ġurnata. Il proverbju jgħid: "Xogħol il agir nofs serħ u nofs tmattir."

**Tŭaħħar**—tittarda; **imŭaħħar**,, li gie ŭara żmienu; **tŭaħħar** tniecher.

**Ajl** (f'il plural *ajjul*)—porcuspin.

**Amar**—ordni. "Jecc Alla jamar" - jecc Alla jordna, jrid hecc.

**Amir**—cmandant. Insibuha f'il proverbju: "Li chiecu int cont amir u jien amir, min chien isuk il ħmir?"

**Amman**—meta. "Amman f'il għaxija igifieri meta jsir fil għaxija." "Amman meta ticber."

**Art Andrija**—imtappna, iebsa bħal andar, fejn jidirsu il kamħ.

**Anġasa**—u m'hux lanġasa. L-elle hi l-articolu.

**Annuna** —b'kalb ŭaħda, ta' fehma ŭaħda. "L-aħŭa incunu annuna." "Nies annuna igħixu bla muna," igifieri in-nies li jgħixu b'fehma ŭaħda ma hemmx bżonn li jagħmlu jeŭ jaħżnu provvisjon għaliex meta jigu f'il bżonn isibu min jakbeż għalihom. *(Jissocta.)*

# Il Meŭt ta' Cristu.

SUNETT *

Meta Gesù ma, l'aħħar nifs minn Tiègħu,
L-art collha ferak bi ireghida cbira,
Adam minn geŭŭa il kabar kam fuk tiegħu,
U "Min hu," staksa "min hu dac li spira?!"

—"Dac hu l-Imgħallem li chien Ġuda biegħu;
Li xerred għall bniedmin tad-demm għadira;
Li sabiex norbtu dejjem klubna Miegħu,
Ħallielna b'din il meŭt l'isbaħ tifchira."—

Adam collu mifxul għa'r-rcoptejh ŭaka,
X'ħin sama min chien Dac l'id-dinja ħalla;
U kima, fl'art mixħut, jatieh dan baka.

Imbagħ'd b'id-dmuħ f'għajnejh lill martu kalla,
B'leħen ta' ugieħ il kalb, x'ħin magħha iltaka:—
—"Aħna 'l ħtija ta'l meŭt ta'l Bniedem - Alla!"

GIOVANNI GULIA M. D. G. F.

* Tradott m'it-taljan ta'l poeta Menzini.

# Il Melodramm Malti.

## P. P. BUGEJA.

Meta f'Firenze taŭ l-eŭŭel melodramm malti "L-AVVISO A' MARITATI" ta' Isouard, Pietru Paŭl Bugeja chellu erbgħa u tlietin sena billi tŭieled il Belt fl-1761.

Dana chien ġa għamel cors ta' studju ta'l musica seŭŭa f'Napli f'il Conservatorju ta' hemm, fejn chienu jmorru daŭc collha li chienu jridu jirnexxu billi chien imfaħħar minn cullħadd għa't-tagħlim u għa's-surmastrijiet li chien fih.

Meta ra li l-opri ta' Isouard irnexxeŭ ħafna, Pietru Paŭl tħajjar jicteb xi melodramm hu ucoll; iżda billi f'is-6 ta' Frar 1809, miet Frangiscu Azzopardi, u hu laħak f'locu bħala Surmast ta'l Cappella ta'l Catidral, ried jicteb xi musica sagra ġdida u għalhecc il ħsieb ta'l melodramm chellu jħallieh f'il genb; u għalhecc ucoll chiteb ma'l ħamsa u għoxrin kuddiesa ġdida barra minn ħafna salmi u responsorji.

Fost daŭna għadu jitgħazzxak cull ħadd biha dic l-antifona tant sabiħa "*O Salutaris Ostia*" u li tista tgħaddi ma'x-xogħol ta' Bellini.

Fl-1815 deher f'it-Teatru tagħna 'il melodramm tiegħu "GIOAS," fuk librett actarx ta'l Metastasio; iżda ma intgħogob xejn, u Pietru Paŭl tant ħadha bi cbira li kata kalbu u ma chiteb katt xejn iżjed għa't-teatru.

Chiteb ucoll disa sinfoniji sbiħ ħafna u li għadhom isiru sa'l-lum; u dana jurina b'ic-ċar li chiecu Pietru Paŭl għamel ftit ta'l kalb u chiteb ŭiejjeġ oħra għa't-teatru, genju musicali ma chienx jonksu.

Iżda Bugeja, bħal Azzopardi, baka dejjem magħluk kalb l-erba ħitan ta' Malta u il musica li chienet issaltan haŭn f'dac iż-żmien chienet il musica ta'l cnejjes biss u għalhecc ma sabx x'jagħmillu il kalb biex jicteb għa't-teatru u ŭaħħal rasu fuk il chitba ta'l musica sagra għaliex dac chien il ħobż tiegħu.

Pietru Paŭl miet fl-1828 ta' sitta u sittin sena; u ħalla il musica tiegħu collha lil ibnu Censu li għad insemmi ma indumx bħala ŭieħed m'il compostituri ta'l melodramm malti.

# STORJA TA'L PAPIET.

XIII.

## S. SOTERU

**Saltan 7 snin, tliet xhur u ŭieħed u għoxrin jum. Laħak f'is-sena 175 u miet f'is-sena 182.**

Tŭieled f'Tondi f'il Campanja u chien bin Corradu. Fi żmienu ħraxu l-egħdeŭŭa ta'l Cn'sja u l-actar fi Franza. Potino, iskof ta' Lion miet b'ħila li tgħaġġeb; u iż-żagħżuha Blandina ħadet ucoll il martirju bla ma beżgħet m'it-turmenti kalila li iġġarrab. Hu ucoll miet martri u gie midfun f'ic-Cimiterju ta' Via Appia u fl-aħħar meħud f'il Cnisja ta' S. Sistu. Ħadem ħafna contra l-eresija u hu imfaħħar minn ħafna chittieba m'hux biss għal cbira kdusitu iżda għal għerfu ucoll.

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

APRIL.

12—1844. Saret l-eŭŭel seduta ta's-Soċjetà "Economico-Agraria" ta' Malta.

13—1807. Sir Alexander Ball, Reġju Commissarju ta'l Gran Brettanja, faħħar kuddiem cullħadd lil Maltin għal ħila u għal l-imħabba cbira tagħhom li ureŭ lejn l-Inghilterra fl-Imblocc.

14—1810. Gie maħtur bħala Reġju Commissarju il General Ildebrandu Oakes, dac li hemm ir-ritratt tiegħu f'il Biblioteca ta'l Belt.

15—1615. Tkiegħdet l-aħħar gebla ta'l Aqŭedott Wignacourt, dac li għaddejjin l-arcati tiegħu m'il Ħamrun għal fejn Sarrija.

16—1431. Is-Sultan Alfonsu ta ħafna privileġġi lil Maltin u ta' ucoll l-isem ta' "Città Notabile" lil Imdina.

17—1468. Saret processjoni m'il cnejjes ta' Malta collha għal Mellieħa biex jitolbu għax-xita.

18—1783. Miet f'Ruma l-Iskof ta' Malta Fra Giovanni Pellerano.

# Lil l-Imsiehbin.

Daŭna ħallsu sa'n-numru 26:—

654 G. Zammit P. L. - Belt; 655 Don Petrus Anton - Ħal Kormi; 656 Gni Portelli - Raħal Ġdid; 657 Richard Bamber - Sliema; 658 Ele Lupi - Sliema 659 Ant: Giacomotto - Ħamrun 660 Circolo "S. Giuseppe" - Ħamrun; 661 Ele Grech - B'Cara; 662 Can. Carm Pirotta - B'Cara; 663 Fco. Borġ - B'Cara 664 Gius. Bartoli - B'Cara; 665 Vzo. Portanier - Sliema; 666 Avv. M. A. Xerri B. A. - Sliema; 667 Gio Paolo Camilleri - Sliema; 668 Gius. Camilleri - L-Isla; 669 Sac. Giov. Abela - Mosta sa'd-39; 670 Sac. Gius. Borġ-Mosta sa'd-39; 671 Sac. Paolo Camilleri - Mosta; 672 Ernesto Tonna - Raħal Ġdid sa't-52; 673 G. Compagno - Bormla sa'd-39; 674 C. Camilleri and Sons - sat-52; 675 Salv. Camilleri - L-Isla sa'd-39; 676 P. P. Cassar - Pietà; 677 Onor. S. Cachia Zammit-S. Ġorġ-il-Baħar sa'd-39; 678 G. Miller l-Isla; 679 L. Cuschieri-Sliema; 680 Avv. Achille Pace - Sliema; 681 Emidio Tabone - Sliema; 682 Ele. Doublet - B'Cara; 683 Ottone Mifsud - Floriana; 684 Gius. Zarb - Misida; 685 Giov. Cilia - Żebbuġ sa'd-39; 686 L. Torpiano - Pietà sa'd-39; 687 Ele. Galea - Naxxar sa't-52. 688 Ant: Vella - Belt; 689 Can: Stef: Camilleri - L-Isla sa'd-39; 690 Paolo Bigeni - L-Isla; 691 G. Galea - Mosta;

(*Jissocta.*)

# IS-SAHHAR FALZUN

## ROMANZ MALTI ORIGINALI

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN.

Is-Sur Kalamias compla jgħid lil Ħachem:—

—"Tlakna lejn Candja fuk xi ħamsin xini u lejn il Gran Mastru chien bi ħsiebu jistrieħ ftit. Iżda kabel ridna ingħaddu burraxca m'hux kalila bi ftit li ħabbtitna għal tliet t-ijiem u tliet iljieli sħaħ u li għarrket bosta xŭieni imgħobbija b'in-nies li ħelsu m'ix-xabla ta't-toroc biex sabu kbarhom f'kiegħ il baħar. Daŭc li ŭaslu ma chellhomx f'hiex jidħlu għaliex gegħluhom jarmu collox il baħar ŭakt il burraxca u ħafna minnhom ehienu morda jeŭ feruti jeŭ għajjiena m'it-takbidiet ma't-toroc.

"Jiena ŭasalt tista tgħid ta' fuki senduki, li ma chellix marbutin fi ħżiemi ftit gordi, u ma dan chelli ŭirchi migruħ b'dakka ta' xabla li klajt minn għand spaħi torc meta conna kiegħdin nitkabdu biex nerggħu neħdulhom minn taħt idejhom ŭaħda m'it-truncieri li chienu daħlu fihom. Marti chienet mietet kabel u ibni, il ŭieħed li chelli u li ehien it-tama ta' xjuhiti, ŭaka minfud minn balla torca fl-isbaħ ta' ħajjtu, ta' tlieta u għoxrin sena.

"Għaldakstant ma chellix s'insalva ħlief rasi u salvajtha tasseŭ b'għageb għaliex ħafna li chienu żgħażaħ u jifilħu actar minni inkerdu kasir il għomor.

"Il Gvernatur ta'l Belt ta' Candja laka il Gran Mastru m'il aħjar li sata u taħ cull għajnuna li chellu bżonn; u kallu biex jibkà jkatta ix-xitŭa hemm li ma tmurx takbdu f'it-triek xi burraxca oħra kalila u tagħmillu xi ħafna ħsara oħra f'ix-xŭieni. L-Isle Adam, f'il ħin li irringrazzjah kallu li chellu mitt sena sa jasal l-Italja biex jiftiehem ma'l Papa fejn iŭakkaf l-Ordni. U hecc għamel; telak ma'l-art, l-art sa ŭasal Gallipoli fejn ŭakaf għal xi żmien imħabba f'il morda li chellu, u f'Mejju daħal f'il Port ta' Messina fejn chienu kiegħdin jistenneŭh il Cavalieri l-oħra li chienu telku kablu, u fejn gie milkuh b'ferħ cbir m'il aħjar nies ta'dic il belt. Iżda ftit dam hemm għaliex il pesta bdiet tisreg fuk il belt u chellu jaħrab b'il Cavalieri u il morda katta bla ħabel biex isalvalhom rashom. Iżda fuk ix-xŭieni mietu ħafna b'dina il marda ŭisk actar kalila m'it-Toroc sa ŭasal f'il port ta'Baja, ftit bogħod minn Napli. Xi xahar ŭara telak għal Civita-Vecchia mnejn bagħat jitlob lil Papa biex ichellmu; ħaga li kala ftit ta'ż-żmien ŭara billi il Papa chien marid b'id-deni.

"Id-daħla tiegħu f'Ruma chienet xi ħaga sabiħa. Cullħadd lakgħu u feraħ bih kalb id-dakk ta'l kniepel u l-ispa-rar ta'l canuni, u il Papa kam lakgħu u għannku f'is-sala tiegħu kuddiem il Cardinali collha u kallu li hu chien l-acbar u l-iżjed gŭerrier kalbieni li chellha ir-Religjon ta' Cristu. Dan Adrianu Sitta raġa ħacmu id-deni, miet u f'settembru ta'l 1523 laħak Papa f'locu Clement VII, m'il familja ta'l Medici.

"Billi dana il Papa chien kabel Cavalier, il Gran Mastru feraħ bla tarf u kiegħed it-tama collha fih li jiddubbalu port fejn iŭakkaf l-Ordni; u ma tkarrakx għaliex dan il Papa, billi chien iħobbu ħafna, għamel cull ma sata biex għienu. Taħ il belt ta'Viterbo biex igħammar fiha ma'l Cavalieri sa jsiblu post seŭŭa u kallu li ix-xŭieni sata jħallihom f'il port ta' Civita-Vecchia.

—"Xejn ma nistagħgeb "kabeż kal il Ħachem" għaliex L-Isle Adam chien il bniedem li għal ħila u għa't-tjubija tiegħu chienu jistħokkulu il gieħ u l-imħabba ta'cullħadd."

— "U m'hux dan biss" "compla kal Kalamias" "iżda il Papa taħ żeŭġ unuri cbar ŭisk. Il ŭieħed li jokgħod f'il-lemin tiegħu f'S. Pietru u l-ieħor li jimxi ŭaħdu kuddiemu f'il processjonijiet.

"Jiena bkajt dejjem, f'it-tajeb u f'il ħażin, nimxi ma'l Cavalieri; u f'Ruma, dic il ħabta, smajt tissemma għal l-eŭŭel darba Malta bħala ŭaħda m'il gżejjer li fukhom chellha actarx taka il ħatra bħala loc biex dan igħammru il Cavalieri. Min chellu jgħidli li chelli nkatta nofs ħajti fiha u li chelli insib tant nies ta' kalb tajba bħalec?

"Il Gran Mastru ftiehem ma'l Papa u bagħtu lil Priol ta' Castilja, lil Cavalier Martinengo, il kalbieni inginjeri, u li Commendatur Bosio biex jieħdu ħsieb dina il biċċa xogħol. Daŭna marru Madrid għand l-Imperatur Carlu Ħamsa billi Malta chienet taħt il ħacma tiegħu u talbuh biex jerħi daŭna il Gżejjer f'idejn il Cavalieri. L-Imperatur ma kalx le, basta jitgħabbeŭ bi Tripli ucoll li chienet tinsab taħt il ħacma tiegħu.

"Il Gran Mastru chemmex xuftejh għaliex f'rasu chien kiegħed iberren ħsieb ieħor. Aħmed, ŭara l-Assedju ta' Rodi, chien sar Vici-Re ta'l Egittu, u dana il pajjis tant għoġbu li xtak isir Sultan tiegħu hu. Għaldakstant bagħat igħid lil Gran Mastru li jecc igħinu ma'l Papa u is-Slaten l-oħra biex jilħak sultan hu jgħinu biex jarġa jieħu Rodi taħt idejh; u dana il cliem għoġbu ŭisk lil L-Isle Adam. Iżda Soliman xamm b'dil biċċa, bagħat lil Ibrahim b'armata kaŭŭija miegħu, katlu l-Aħmed u sfratta il ħsieb collu. U għad li f'Rodi il Gran Mastru chellu ħafna ħbieb imħejjija biex igħinuh meta semgħu b'il meŭt ta' Aħmed katgħu kalbhom li jitniffsu.

"D'il ħabta ŭaslu f'Viterbo daŭc il Cavalieri li Gran Mastru chien bagħat biex jaraŭ Malta u Għaudex, u daŭn kalulu li għalchemm Malta ma chienetx ħlief gozz blat, bi ftit raba li chien jati xi ftit koton, chemmun u għasel, u b'xi tnax il elf ruħ fkar li chienu jgħixu m'il biedja u m'is-sajd imxerrda ma'l gżira f'żeŭġ bliet u xi erbgħin raħal, iżda chien fiha ħafna portijiet sbiħ li setgħu jilkgħu tajjeb fihom ix-xŭieni ta'l Ordni. U għalhecc il Gran Mastru, x'ħin tarlu minn rasu il feilns ta' Rodi raġa beda jħaddem moħħu fuk Malta.

"Mar Spanja hu stess u tchellem ma'l-Imperatur u b'il chelma it-tajba rattablu ħafna kalbu; u m'hux biss lakgħu tajjeb ferm iżda gegħlu jindaħal bejnu u bejn Frangiscu, Sultan ta' Franza, li chien prigunier, u irnexxielu jagħmilhom paci.

*(Jissocta).*

L'ISTITUT TA'S-SUR BORG
*188, & 189, Strada Due Porte, l'Isla.*
Dan l'Istitut li gie imŭakkaf fl'1888 jinsab f'ŭieħed m'il ħjar postijiet ta l'Isla u għandu il comoditajjiet collha. Jinsab iffreqŭentat minn Fizzjali Navali u Militari, u m'il aħjar tfal ta't-Tliet Ibliet u oħrajn li jokogħdu f'postijiet actar f'il bogħod.
Jintgħata cors regolari ta'l-lingŭa Ingliża, Taljana, Francisa u Latina, ta' l-Aritmetica, Algebra, Geometrija, Mensurazjoni, ta'l Cummerċ, Storja, Calligrafija u Reliġjon.

Jec xi ħadd icun irid jagħmel xi ircant jeŭ jistma xi ħaġa u jcun sgur li reħa ħŭejġu f'idejn bniedem li jfittixlu l-interessi tiegħu b'ir-rekka u bl-onestà collha, jati l-ircant l-is-Sur Achille Ciancio, ta' Strada Mercanti, numru 175, il Belt u joħroġ cuntent sgur.

Min irid jixtri tabacc ta'l aħjar qŭalità u sigarretti "Samson" tajbin ferm imur għand Ġanni Cassar ta' taħt il bicb ta'l Belt u joħroġ cuntent.

Is-Sur Ġużè Cumbo, kiegħed joħroġ rumanz sabiħ ħafna b'il malti, bl-istampi, tradott m'il francis ta' Ponson du Terrail imsejjaħ "Il Ħaddied ta'l Cunvent." Cull faxxicolu ta' 19 il paġna cbar joħroġ cull gimgħa u jkum żeŭġ soldi biss. Min irid jissieħeb imur jeŭ jibgħat fl-Istamperija Cumbo, 295, It-triek ta' S. Paŭl, il Belt.
Min jissieħeb issa jatih il faxxicoli collha li ħarġu s'issa u jitħallsu żeŭġ soldi cull ħmistax il ġurnata.

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa jmur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbihu f'il ħŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

Min irid jiecol tajjeb, b'irħis u f'post pulit u f'il kabda jmur f'il Colonial Buffett fejn chien armat kabel is-Sur Gingell u sgur li ma jibdielux.

Jecc tmorru xi ġurnata lejn Ħal Lija u tcunu tridu tal-luġġaŭ jeŭ tieclu tajjeb morru f'il Hotel Zammit ta' fejn Sant Anton.

Tridu tinkdeŭ b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Ġdid u ma jibdielcomx.

Min irid icollu fuku libsa mħejjuta suret in-nies u bi drappijiet fini jmur għand Ġanni Valenzia, f'it-Triek ta'l Cnisja, Bormla, u ma jibdielux.

Għand is-Sur Ġużè Mallia, ta' Strada Santa Lucija, 47 il Belt jinsab għal bejħ imbit m'il aħjar bi prezz li jakbel għal cullħadd. Ta'l kuddiesa jimbiegħ xelin u disa soldi il qŭarta u l-ieħor xelin u nofs.

GĦA'N = NERVUSI!
Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktuħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd joboghdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn icolloc dic il marda li jsejħula
NEVRASTENIJA
u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ tagħmillec ħafna gid hi
L-ANTINEVROTICU
TA'L
PROF: DE GIOVANNI
li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il l-aħjar tobba ta'l Italja. Timbieħ fi fliexchen għand
**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**
ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.
IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

Min irid jixtri
CAUCAU
m'il ahjar, bla tahlit, bla grass u li ghandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ifittex il marca tant imfahhra
BENSDORP
ghand il maghrufa minn cullhadd
C. CAMILLERI & SONS
TA' STRADA MERCANTI — IL BELT.
U MA JIBDIELUX.

Stamperija "Empire" 8 Strada Magazzeni - Floriana.